**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru.: 939/2024 AC**

**Illum l-20 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' sbatax (17)-il sena, bin **OMISSIS**, imwieled f'Tal-Pieta', Malta, nhar is-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u jirrisjedi ġewwa l-fond **OMISSIS** u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru **OMISSIS**, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkużat talli bejn il-lejl tal-erbgħa (4) ta' Novembru u l-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' pjanċi ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 liem serq huwa kwalifikat bil-**vjolenza** u dan għaliex ippreżentaw ruħhom aktar minn tnejn, bil-**mezz**, bil-**ħin** u bix-**xorta tal-ħaġa misruqa** u dan għad-detriment ta' **Sheldon Briffa** u/jew **Joanne Briffa** u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe' pjanċi tar-reġistrazzjoni minn fuq vettura tal-marka Renault Scenic Expression bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 liem pjanċi nsterqu minn Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ta' dawn il-Gżejjer bejn il-lejl tal-erbgħa (4) ta' Novembru u l-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' vettura tal-għamla Renault Scenic Expression bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 għad-detriment ta' **Sheldon Briffa** u/jew **Joanne Briffa** u/jew persuna/i oħra liema ammont ta' ħsara huwa bejn mitejn u ħamsin euro (€250) u elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, biddilt, irranġajt mill-ġdid jew ħassart marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort' oħra bagħbast mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

   U akkużat ukoll talli nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u/jew il-ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

U akkużat ukoll talli nhar is-sitta (6) ta’ Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u/jew il-ġimgħat u/jew ix-xhur ta’ qabel ġewwa diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer:

7. Ikkaġuna biża’ lil **OMISSIS** (sieħba ta’ qabel tiegħu) u/jew **Sheldon Briffa** li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta’ tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra s-sieħba qabel u/jew liema delitt twettaq fuq minuri;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi permezz tal-imġiba tiegħu ikkaġuna lil **OMISSIS** (sieħba ta’ qabel tiegħu) u/jew **Sheldon Briffa** biża’ li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta’ tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) liema delitt twettaq kontra s-sieħba ta’ qabel u/jew liema delitt twettaq fuq minuri;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil ħaddieħor u ċioe’ lil **OMISSIS** u/jew **Sheldon Briffa** inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’ oħra f’dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta’ *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel reat;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta’ *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih;

12. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

13. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D.) billi kkommetta reat ta' natura volontarja;

14. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat il-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D.) billi kkommetta reati ta' natura volontarja;

15. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D.) billi kkommetta reati ta' natura volontarja.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-Liġi, tordna r-revoka tal-imsemmija digrieti taħt imputazzjonijiet numru 12, 13, 14 li bih **OMISSIS** ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somom bħala depożitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tipprovdi għas-sigurta' ta' **OMISSIS** u/jew **Sheldon Briffa** u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat **OMISSIS** skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi *ai termini* tal-Artikolu 382, 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu

15A *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni stabbiliti mil-Liġi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni stabbiliti mil-Liġi;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Għassa preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Gatt nhar it-8 ta' Novembru 2024[1];

Rat li l-Ispettur Jean Claude Mangion għall-Kummissarju tal-Pulziija, qara u ħalef l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament fl-istess seduta[2];

Rat li fl-istess seduta, wara li d-Difiża ma oġġezzjonatx, il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għal korrezzjoni fl-akkużi, b'dan illi l-imputazzjoni numru 1 tibqa' u l-bqija tal-imputazzjonijiet isegwu l-ordni numeriku min-numru 2, kif ukoll li l-bqija tal-imputazzjonijiet a fol 4 tal-proċess, il-kumplament tal-imputazzjonijiet isegwu min-numru 13 għan-numri sussegwenti[3];

Rat li wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu[4];

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2024[5], din il-Qorti ordnat li *stante* li kien hemm bdil fin-nomenklatura tal-Ispettur Jean Claude Mangion, li kien l-Ispettur li ffirma l-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri, li l-verbal tal-istess seduta jkun komunikat lis-Supretendent Melvin Camilleri sabiex ikun assenjat Uffiċjal ġdid għall-Kummissarju tal-Pulizija;

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 5 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 8 tal-proċess
[3] Ara a fol 8 u 9 tal-proċess
[4] Ara a fol 12 tal-proċess
[5] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 35 *et seq* tal-proċess

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2024[6], dehru l-Uffiċjali Prosekuturi, u ċioe' l-Avukat Dr. Giuliana Magro Conti għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Daryl Farr għall-Kummissarju tal-Pulizija, li assuma l-atti;

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025[7], din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex issir korrezzjoni fl-akkuża numru tlieta hekk kif ikkoreġuta in kwantu għan-numru tagħha, b'dan illi taqra "liema ammont ta' ħsara huwa ta' bejn mitejn u ħamsin euro (€250) u elfejn u ħames mitt euro (€2,500)", b'liema korrezzjoni d-Difiża għaddiet ruħha b'notifikata fl-istess seduta;

Rat li fl-istess seduta[8], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u

[6] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 63 tal-proċess
[7] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 171 *et seq* tal-proċess
[8] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 171 *et seq* tal-proċess

konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2025[9], fejn din il-Qorti innotat li meta oriġinarjament inħalfu l-akkużi quddiem Qorti diversament preseduta, kien imniżżel li kien l-Ispettur Jean Claude Mangion li qara u ħalef l-akkużi fil-konfront tal-imputat u dan minkejja li l-Prosekuzzjoni qed titmexxa wkoll mill-Avukat Ġenerali;

Rat ukoll li fil-mori tal-istess kawża, l-akkużi kienu emendati b'dan illi l-imputat ta ruħu b'notifikat għall-istess u rat wkoll li fil-mori tal-kawża l-Ispettur Jean Claude Mangion ma baqgħax fil-kariga ta' Spettur, u konsegwentement kien hemm il-bżonn li l-akkużi kif emendati u kif kienu ser ikunu prosegwibbli jkunu maħlufa kemm mill-Avukat Ġenerali kif ukoll mill-Ispettur li issa qed jipprosegwi l-kawża minflok l-Ispettur Jean Claude Mangion;

Rat illi fl-istess seduta tas-6 ta' Marzu 2025, l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Giuliana Magro Conti għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Darryl Farr qraw u kkonfermaw l-akkużi bil-ġurament[10], u li l-imputat ta ruħu b'notifikat bl-istess;

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-

[9] Ara a fol 234 tal-proċess
[10] Ara a fol 236 tal-proċess

konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat illi waqt l-imsemmija seduta tas-6 ta' Marzu 2025 l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda u l-provi mressqa fil-proċeduri odjerni u ddikjaraw li l-*Pre-Sentencing Report* diġa' esebit in atti għandu jagħmel prova f'din l-istess kawża u jitqies bħala r-rapport li fuqu għandha tieħu konjizzjoni *ai fini* tal-istess kawża[11];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[12];

2. CD kontenenti l-Istqarrija tal-imputat[13];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fil-5 ta' Novembru 2024[14];

4. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[15];

5. Vera Kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit datat is-17 ta' Settembru 2024[16];

[11] Ara a fol 235 tal-proċess
[12] Ara Dok JCM a fol 13 tal-proċess
[13] Ara Dok JCM1 a fol 14 tal-proċess
[14] Ara Dok JCM2 a fol 15 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok JCM3 a fol 16 tal-proċess
[16] Ara Dok JCM4 a fol 17 tal-proċess

6. Vera Kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien datat il-5 ta' Ġunju 2023[17];

7. Vera Kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco datat l-1 ta' Marzu 2022[18];

8. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/8100/2024[19];

9. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/8144/2024[20];

10. CD kontenenti tlett filmati[21];

11. *Envelope* kontenenti ritratti[22];

12. *Screenshot* ta' *Story*[23];

13. Stqarrija ta' Chezyah Micallef[24];

14. Stqarrija ta' Sheldon Briffa[25];

15. Stqarrija ta' OMISSIS[26];

16. Rapport tal-NPS bir-referenza 10/POL/5157/2024[27];

---

[17] Ara Dok JCM5 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[18] Ara Dok JCM6 a fol 21 *et seq* tal-proċess
[19] Ara Dok JCM7 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[20] Ara Dok JCM8 a fol 31 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok A1 a fol 37 tal-proċess
[22] Ara Dok A2 a fol 38 tal-proċess
[23] Ara Dok A3 a fol 39 tal-proċess
[24] Ara Dok A4 a fol 40 *et seq* tal-proċess
[25] Ara Dok A5 a fol 42 *et seq* tal-proċess
[26] Ara Dok A6 a fol 45 *et seq* tal-proċess
[27] Ara Dok A7 a fol 48 *et seq* tal-proċess

17. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/8100/2024[28];

18. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/8144/2024[29];

19. Polza tal-Assikurazzjoni valida mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2025[30];

20. Polza tal-Assikurazzjoni valida mill-1 ta' Ġunju 2023 sal-31 ta' Mejju 2024[31];

21. Stima ta' ħsarat[32];

22. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata t-12 ta' Frar 2025 li permezz tagħha tinforma lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat[33];

23. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata t-18 ta' Frar 2025 li permezz tagħha esebiet il-*Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat[34].

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ċioe' lill-**Ispettur Jean Claude Mangion limitatament għall-validita' tal-arrest**[35], **PS 133 Jean Claude Mangion**[36], **il-*Parte Civile* OMISSIS**[37], **Remenda Grech fil-kapaċita' tagħha ta' Direttur għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħazagħ) *ai fini* tat-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest**[38], **omm il-*Parte Civile* OMISSIS Lorita Pace**[39], **għal darb' oħra il-*Parte Civile* OMISSIS wara li d-depożizzjoni tagħha kienet sospiża fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024**[40], **Andrew**

[28] Ara Dok A8 a fol 52 *et seq* tal-proċess
[29] Ara Dok A9 a fol 60 *et seq* tal-proċess
[30] Ara Dok JS1 a fol 174 tal-proċess
[31] Ara Dok JS2 a fol 175 tal-proċess
[32] Ara Dok JS3 a fol 176 *et seq* tal-proċess
[33] Ara a fol 179 tal-proċess
[34] Ara a fol 180 *et seq* tal-proċess
[35] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2024 a fol 11A *et seq* tal-proċess
[36] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2024 a fol 36A *et seq* tal-proċess
[37] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024 a fol 66 *et seq* tal-proċess
[38] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tat-30 ta' Diċembru 2024 a fol 76 *et seq* tal-proċess
[39] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025 a fol 85 *et seq* tal-proċess
[40] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025 a fol 102 *et seq* tal-proċess

**Fiorini Lowell fil-kapaċita' tiegħu ta' *Senior Social Worker* u rappreżentant tal-Ibwar *ai fini* tat-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest**[41], u **John Sacco in rappreżentanza ta' *Citadel Insurance Limited***[42];

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2025[43], il-partijiet qablu mal-konklużjonijiet hekk kif konstatati mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fil-*Pre-Sentencing Report* imħejji minnha, b'dan illi d-Difiża ddikjarat li m'għandha xejn x'iżżid fuq l-istess rapport u awtorizzat lil din il-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputat kien mixli talli bejn il-lejl tal-erbgħa (4) ta' Novembru u l-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' pjanċi ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 liem serq huwa kwalifikat bil-**vjolenza** u dan għaliex ippreżentaw ruħhom aktar minn tnejn, bil-**mezz**, bil-**ħin** u bix-**xorta tal-ħaġa misruqa** u dan għad-detriment ta' **Sheldon Briffa** u/jew **Joanne Briffa** u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe' pjanċi tar-reġistrazzjoni minn fuq vettura tal-marka Renault Scenic Expression bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 liem pjanċi nsterqu minn Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ta' dawn il-Gżejjer

---

[41] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2025 a fol 159 *et seq* tal-proċess
[42] Ara x-xhieda tiegħu fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025 a fol 173A *et seq* tal-proċess
[43] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 233 tal-proċess

bejn il-lejl tal-erbgħa (4) ta' Novembru u l-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' vettura tal-għamla Renault Scenic Expression bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ 835 għad-detriment ta' **Sheldon Briffa** u/jew **Joanne Briffa** u/jew persuna/i oħra liema ammont ta' ħsara huwa bejn mitejn u ħamsin euro (€250) u elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, biddilt, irranġajt mill-ġdid jew ħassart marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort' oħra bagħbast mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

U akkużat ukoll talli nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u/jew il-ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

U akkużat ukoll talli nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u/jew il-ġimgħat u/jew ix-xhur ta' qabel ġewwa diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer:

7. Ikkaġuna biża' lil **OMISSIS** (sieħba ta' qabel tiegħu) u/jew **Sheldon Briffa** li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra s-sieħba qabel u/jew liema delitt twettaq fuq minuri;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi permezz tal-imġiba tiegħu ikkaġuna lil **OMISSIS** (sieħba ta' qabel tiegħu) u/jew **Sheldon Briffa** biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) liema delitt twettaq kontra s-sieħba ta' qabel u/jew liema delitt twettaq fuq minuri;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil ħaddieħor u ċioe' lil **OMISSIS** u/jew **Sheldon Briffa** inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel reat;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih;

12. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

13. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D.) billi kkommetta reat ta' natura volontarja;

14. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-

digriet datat il-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D.) billi kkommetta reati ta' natura volontarja;

15. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares waħda jew iżjed minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu fid-digriet datat is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D.) billi kkommetta reati ta' natura volontarja.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija, b'dan li wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju relattivament avvanzat ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jiddipartixxi ruħu minn dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[44] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[45] [46], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Konsegwentement, *stante* li l-Prosekuzzjoni

[44] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[45] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002
[46] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

laħqet ressqet porzjon sinjifikanti mill-provi tagħha, l-ammissjoni tal-imputat trid tittieħed f'dan il-kuntest;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali tal-imputat;

4. L-imputazzjonijiet infushom, li jinkludu serq aggravat, ħsara volontarja fuq ħwejjeġ ħaddieħor, biża' ta' vjolenza fir-rigward ta' terzi, kif ukoll ir-reċediva u ksur ta' tliet digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

5. Li l-imputat għadu minorenni, u li għaldaqstant, minħabba l-eta' tiegħu, jikkwalifika għal tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025[47], u ċioe' li l-ħsara *ai termini* tax-xhieda ta' John Sacco bħala rappreżentant ta' *Citadel Insurance Limited*, li fiha stqarr li l-valur tal-vettura huwa dak ta' elf u tmien mitt euro (€1,800), peress li kien hemm suspettat ieħor li tressaq fi proċeduri separati dwar l-istess rapport, l-ammont għandu jinqasam bejn żewġ akkużati, u ċioe' li l-imputat għandu jħallas l-ammont ta' disa' mitt euro (€900), fejn minkejja li d-Difiza qablet mal-istess dikjarazzjoni, din il-Qorti għamlitha ċara li f'din il-kawża quddiemha kellha imputat wieħed biss u kwalunkwe referenza għal akkużat ieħor li għandu proċeduri pendenti quddiem Qorti oħra, huwa sal-lum preżunt innoċenti u din il-Qorti kif preseduta m'hijiex ser tieħu bħala preżunt li l-ammont indikat għandu b'xi mod jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

7. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* imħejji mill-*Probation Officer* Maria Mifsud, fejn fost oħrajn jissemma s-segwenti:

[47] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 171 *et seq* tal-proċess

a. In-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, u li dawn seħħew fi żmien ta' madwar ta' xahar minn meta ħareġ mill-Ħabs;

b. Il-verżjoni u l-attitudni tal-vittmi konċernati fil-każ odjern, fejn minkejja li tentattivi sabiex tkellem lil Joanna Briffa, Sheldon Briffa u lill-minorenni OMISSIS[48] rriżultaw fin-negattiv, il-*Probation Officer* għamlet kuntatt ma' omm l-istess minorenni Lorita Pace, li wriet ix-xewqa li hekk kif l-imputat joħroġ mill-Ħabs, "***ma jirrepetix l-aġir li għamel u ma jersaqx lejn darha meta jkun qiegħed fi stat ħażin, kemm taħt l-effett tad-droga kif ukoll tal-alkoħol***"[49];

c. Il-verżjoni u l-attitudni tal-imputat[50] a rigward l-akkadut, li meta mitkellem mill-*Probation Officer* sostna li ma xtaqtx jitkellem fuq il-każ odjern, iżda jgħid li għandu dispjaċir ta' dak li għamel għax ma riedx jiksirha minn mal-eks-sieħba tiegħu OMISSIS, u li a rigward ommha Lorita Pace, jgħid li dejjem ġabitlu rispett u ma messux għamel dak li għamel quddiem ir-residenza tagħha, u jgħid ukoll li xtaq jiskuża ruħu ma' Ezaika ta' dak kollu li għamlilha peress li jħobbha u qatt ma ħabb tfajla daqsha;

d. L-aspett soċjali tal-imputat, li minnu jirriżulta li l-imputat kellu tfulija torbolenti minħabba s-sitwazzjoni fil-familja tiegħu, li inkludiet in-nuqqas ta' preżenza ta' figura paterna *stante* l-kundizzjoni mentali ta' missieru (li l-imputat jistqarr li "***ma jinteressahx u li qatt ma kellu kuntatt miegħu***"[51]), u l-problema tad-droga[52] li kienet issofri minnha ommu[53] (li għalih hija "***d-dawl t'għajnejja***"[54]), li peress li kien iħossu imweġġa' li ommu kienet

---

[48] Rigward dan, il-*Probation Officer* tgħid li meta tkellmet ma' omm il-minorenni Lorita Pace, din qaltilha sabiex tirreferi għax-xhieda tal-istess minorenni f'dawn il-proċeduri, u dan għaliex fi kliem Lorita Pace, ma tixtieqx terġa' tgħaddiha minn dak li għaddiet minnu – Ara a fol 184 tal-proċess
[49] Ara a fol 191 tal-proċess
[50] Ara a fol 184 tal-proċess
[51] Ara a fol 187 tal-proċess
[52] Vizzju li l-imputat stess jgħid li kellu – Ara a fol 187 tal-proċess
[53] Li l-imputat stess jgħid li damet 25 sena, u li issa ilha ma tabbuża minnha għal madwar 3 snin – Ara a fol 187 tal-proċess
[54] Ara a fol 187 tal-proċess

tabbuża mid-droga minħabba li ma setgħetx tkun preżenti fil-ħajja tiegħu, kienet waħda mill-fatturi li ressqitu lejn stil ta' ħajja kriminoġenika, tant li "***wasal [biex] jisraq sabiex ommu jkollha l-flus għad-droga u sussegwentement sabiex huwa jkollu l-flus għalih***"[55]. A rigward ta' ħutu, l-imputat jgħid li m'għandux relazzjoni viċina magħhom għajr li jaf li għandhom l-istess missier. Il-*Probation Officer* issemmi wkoll li l-imputat ilu b'Ordni ta' Ħarsien peress li l-familja tiegħu instabet li mhux adegwata biex tieħu ħsiebu, u l-interventi tas-*Social Workers* Stephanie Galea u Bernard Borg, b'uħud minnhom ikunu ta' emerġenza sabiex jassistu lill-imputat, jagħtuh l-għajnuna u s-sostenn. Il-*Probation Officer* tagħmel referenza għal dak li stqarret magħha omm l-imputat Shirley Abela, li ssostni l-importanza li jaħdem fuqu nnifsu u li meta joħroġ mill-Ħabs, jaqta' l-kumpanija ħażina li kien jagħmilha magħha, u hekk jitgħallem ir-rispett, l-imħabba, l-onesta', komunikazzjoni u konsistenza[56];

e. Il-vizzju tad-droga tal-imputat, li jirriżulta li beda mill-eta' tenera ta' 9 snin meta beda jikkonsma l-kannabis, u li fl-eta' 10/11-il sena beda jikkonsma l-kokaina, u l-istess *Probation Officer* issemmi kif kien ingħata l-opportunita' li jattendi programm residenzjali ġewwa Tal-Ibwar sabiex jindirizza din il-problema, iżda temmu wara li telaq mingħajr avviż u permess. F'dan l-istadju l-*Probation Officer* issemmi d-diffikulta' sabiex l-imputat jerġa' jibda dan il-programm peress li każ minn dawk li fetaħ riċentement jinvolvi resident ieħor ġewwa Tal-Ibwar li hemm Ordni ta' Protezzjoni *in vigore* fir-rigward tiegħu, u li sakemm il-każ in kwistjoni għadu pendenti u l-allegat vittma għadu jirrisjedi ġewwa Tal-Ibwar, m'huwiex possibbli li l-imputat ikun aċċettat lura fl-istess residenza, għalkemm għandu jingħad li kienet qed tkun esplorata l-possibbilta' li jattendi l-*Prison Inmates Programme*;

[55] Ara a fol 187 tal-proċess
[56] Ara a fol 187 tal-proċess

f. L-aspett kriminoġeniku tal-imputat, li minn kif spjegat fir-rapport u dak imsemmi aktar ‘il fuq, hija sitwazzjoni preokkupanti ferm li jinsab fiha l-imputat, partikolarment għaliex dawn ix-xejriet kriminoġeniċi, kif ukoll il-vizzju tad-droga, it-tnejn bdew minn eta’ tenera, u li minkejja s-sistema ta’ sapport li qed jirċievi minn diversi entitajiet[57], l-imputat jibqa’ jippersisti b’dan l-istil ta’ ħajja, anke ġewwa l-Ħabs fejn akkumula mal-157 rapport fil-konfront tiegħu, u fetaħ tliet każijiet ġodda.

*In oltre* l-portata tal-imputazzjonijiet li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għalihom, huwa fl-isfond ta’ dan kollu li l-*Probation Officer* tasal għall-konklużjoni li l-imputat m’huwiex persuna affidabbli, minkejja l-għajnuna kollha li għandu disponibbli għalih. Fil-fatt issemmi kif “***Jekk l-imputat mhux ħa jieħu responsabbilta’ tal-aġir tiegħu u jaħdem bis-serjeta’ fuq il-problemi tiegħu, huwa jibqa’ ta’ riskju għoli għas-soċjeta’***”[58] u li kien għalhekk li l-istess *Probation Officer* irrakomandat piena karċerarja fil-konfront tal-imputat. Din il-Qorti flimkien ma’ dan kollu tagħmel aċċenn għall-bżonn li l-imputat jagħmel sforz da parti tiegħu u jkun mgħejun f’dan ir-rigward sabiex jirrikonoxxi li għandu problema serja u li hemm min jixtieq jgħinu, hemm min iħobbu (speċjalment ommu, li minkejja li huwa minnu li l-vizzju tad-droga li kellha kien wieħed mill-fatturi li ġibduh lejn il-ħajja kriminoġenika, hija fi kliemu, id-dinja tiegħu), u għalhekk hemm bżonn ukoll li jsir **<u>kull</u>** sforz possibbli mal-imputat għal dan l-iskop qabel ma jkun tard wisq, u dan *stante* li fis-7 ta’ Awwissu 2025, l-imputat ser jagħlaq it-tmintax-il sena, bl-implikazzjonijiet kollha li ser iġġib magħha, partikolarment it-tmiem tal-Ordni tal-Ħarsien li qed jibbenefika minnha l-imputat.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 48A(1), l-Artikolu 48A(3), l-Artikolu 49, l-Artikolu 50, l-

[57] Fosthom tim ta’ professjonisti fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ (u ċioe’ mis-sezzjoni *Looked After Children*, is-sezzjoni tas-*Supervised Access Visits* u *Youth in Focus*), mill-Ħabs (permezz ta’ *Social Worker*, *Youth Worker* u *Psychology Practitioner*), mill-programm f’Tal-Ibwar (permezz ta’ *Social Worker* u *Therapeutic Facilitator*) u l-*Probation Officer* stess mid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* li ilha tissorveljah mill-2021;

[58] Ara a fol 193 tal-proċess

Artikolu 202(g), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 250(1), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251(H)(d), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 261(a), l-Artikolu 261(b), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 261(g), l-Artikolu 262(1)(b), l-Artikolu 262(2), l-Artikolu 263(a), l-Artikolu 270, l-Artikolu 271(g), l-Artikolu 276, l-Artikolu 277(b), l-Artikolu 279(a), l-Artikolu 280(2), l-Artikolu 289(1), l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 334(a), l-Artikolu 338(dd), l-Artikolu 339(1)(e) u l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 49(a) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 44(4) u r-Regolament 44(6) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija effettivi, u b'referenza għall-għaxar (10) u l-ħdax (11) -il imputazzjoni, tikkundannah ukoll għal multa, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tkun ridotta għal *ammenda* fl-ammont ta' tmienja u ħamsin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) għal kull waħda miż-żewġ imputazzjonijiet imsemmija (u ċioe' l-għaxar (10) u l-ħdax (11) -il imputazzjoni) u konsegwentement l-ammont kumplessiv ta' mija u sittax-il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46), kif ukoll tordna l-konfiska *in parte* tal-garanzija personali tal-imputat permezz tad-Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest, fl-ammont kumplessiv ta' ħamest elef Ewro (€5,000), b'dan illi jkun konfiskat l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) mill-garanzija fid-Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco, l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) mill-garanzija fid-Digriet maħruġ minn din il-Qorti kif preseduta fi proċeduri separati, u l-ammont ta' tlett Ewro (€3,000) mill-garanzija fid-Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Claire-Louise Stafrace Zammit, liema somom għandhom jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u konsegwentement qiegħda tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat issa l-ħati, liema ħelsien mill-arrest ingħata nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Lara Lanfranco), dak ta' Din il-Qorti kif preseduta datat il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2023 u dak tas-sbatax (17) ta' Settembru 2024 mogħti mill-Qorti

tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit) u konsegwentement qiegħda tordna r-ri-arrest tal-imputat;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382, l-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384 u l-Artikolu 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-istess Kapitolu, qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u tordna l-ħruġ ta' **Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-partijiet leżi, u ċioe' l-eks-sieħba tiegħu OMISSIS u Sheldon Briffa, u dan għal żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15A(1) u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jitħaddmu dawn il-provvedimenti fil-konfront tal-imputat, b'dan illi b'referenza għal dak dikjarat mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025, b'żieda mal-piena erogata, **qiegħda tikkundannah ħlas tad-danni sofferti mill-partijiet leżi, u ċioe' Joanna Briffa fl-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900) fi żmien massimu ta' sentejn** b'dan li *ai termini* tal-istess Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġi dikjarat li tali ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. *In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 15A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li l-imputat issa l-ħati hu minorenni u mid-dokumentazzjoni esebita ma jirriżultax li għandu impjieg, Din il-Qorti qed tordna li tali danni għandhom jitħallsu bin-nifs.

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma kienu nominati ebda esperti fil-kors ta' dawn il-proċeduri, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**